



IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

Id-Direttorat R. Riżorsi
R.3. Soluzzjonijiet diġitali

Gwida ta' Referenza għal-LORI

Għall-Operaturi tal-LORI

Data:	10 Settembru 2020
Verżjoni:	2.0
Awturi:	Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

Werrej

Listi ta' illustrazzjonijiet	3
1. Introduzzjoni	4
1.1. Skop.....	4
1.2. Udjenja.....	4
1.3. Glossarju.....	4
1.4. Fluss tax-Xogħol tal-LORI.....	6
1.5. Prerekwiżiti.....	6
2. Talba għall-aċċess	7
2.1. Itlob Login tal-UE.....	7
2.2. Itlob aċċess għas-sistema elettronika tal-LORI.....	9
2.3. Modifika tad- <i>data</i> personali tal-Aġent jew tal-Operaturi assoċjati.....	10
2.4. Ibdel il-password tal-Aġent.....	10
2.5. Neħħi l-kont tal-Aġent.....	10
3. Aċċess għas-sistema elettronika tal-LORI	11
4. Reġistrazzjoni - issottometti jew aġġorna l-informazzjoni (formola numru 800)	11
4.1. Reġistrazzjoni ta' operatur fis-sistema elettronika tal-LORI.....	11
4.1.1. Aċċessa l-menu tar-reġistrazzjoni fil-LORI.....	11
4.1.2. Agħżel EORI.....	11
4.1.3. Daħħal id- <i>data</i> fil-komunikazzjoni.....	12
4.1.3.1. Validazzjoni tal-EORI u l-ewwel sett ta' informazzjoni dwar l-operatur.....	12
4.1.3.2. Informazzjoni addizzjonali dwar l-EORI.....	13
4.1.3.3. Uża l-buttuni tal-komunikazzjoni.....	13
4.2. Aġġorna rekord tal-LORI.....	13
4.3. Ikkoreġi komunikazzjoni.....	13
4.4. It-tab tal-history.....	14
5. Aġġorna l-kwantità referenzjali (formola numru 801)	14
5.1. Aġġornar tad- <i>data</i> dwar il-kwantità referenzjali tal-operatur.....	14
6. Irtira reġistrazzjoni (formola numru 802)	16
6.1. Irtira r-reġistrazzjoni ta' operatur mis-sistema elettronika tal-LORI.....	16
7. Fittex il-komunikazzjonijiet tal-LORI	17
7.1. Informazzjoni dwar it-tiftix ġeneriku.....	17
7.1.1. Kif tuża l-filtri ta' "Form name" (Isem il-formola).....	19
7.1.2. Kif tuża l-filtri tal-istatus tal-komunikazzjoni.....	20
7.1.3. Kif tuża l-filtri tal-intervall tad- <i>data</i>	21
7.1.4. Kif tuża l-kaxxa għall-ittikkjar "Show only the last communication" (Uri biss l-aħħar komunikazzjoni).....	21
8. Anness I - Lista ta' messaġġi ta' errur	23
8.1. This communication contains errors (din il-komunikazzjoni fiha l-erruri).....	23
8.2. The table "Economic operator identity" contains errors (It-tabella "Identità tal-operatur ekonomiku" fiha l-erruri).....	23

8.3.	The table “Proof of substantial economic activity of the economic operator” contains errors: (It-tabella “Prova tal-attività ekonomika sostanzjali tal-operatur ekonomiku” fiha l-erruri:)	23
8.4.	The table “Declaration of independence pursuant to Article 12 of Delegated Regulation (EU)” contains errors: (It-tabella “Dikjarazzjoni ta’ indipendenza skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat (UE)” fiha l-erruri:)	24
8.5.	The table “Persons of the company empowered to introduce a licence application on behalf of the operator” contains errors: (It-tabella “Persuni tal-kumpanija li għandhom is-setgħa li jintroduċu applikazzjoni għal-liċenzja f’isem l-operatur” fiha l-erruri:)	24
8.6.	The table “Economic operator ownership structure” contains errors: (It-tabella “Struttura tas-sjieda tal-operatur ekonomiku” fiha l-erruri:)	24
8.7.	The table “If the owner(s) is a company:” (It-tabella “Jekk is-sid(ien) huwa(huma) kumpanija:”) contains errors: (fiha l-erruri:)	25
8.8.	The table “Management structure of the economic operator” contains errors: (It-tabella “Struttura ta’ ġestjoni tal-operatur ekonomiku” fiha l-erruri:)	25
8.9.	The table “In order to proceed with your application for registration, you must agree with the below statements:” (It-tabella “Sabiex tipproċedi bl-applikazzjoni tiegħek għar-registrazzjoni, għandek taqbel mad-dikjarazzjonijiet li ġejjin:”) contains errors:	25
8.10.	The communication cannot be sent for review, EORI not registered: (Il-komunikazzjoni ma tistax tintbagħat għar-rieżami, l-EORI mhux irregiŕtrat:)	25
8.11.	Withdraw a registration - EORI not registered: (Irtira reġistrazzjoni - l-EORI mhux irregiŕtrat:)	26
9.	Anness II - Azzjonijiet permessi fuq Komunikazzjoni	27
9.1.	LORI Registration - Submit and update (Regiŕtrazzjoni fil-LORI - Issottometti u aġġorna)	27
9.1.1.	Create a communication (Oħloq komunikazzjoni)	27
9.1.2.	Draft communication (Abbozz tal-komunikazzjoni)	27
9.1.3.	Review (Rieżami)	27
9.1.4.	Refused Review (Rieżaminata u Rrifjutata)	28
9.1.5.	Reject MS (Miċħuda mill-Istat Membru)	28
9.1.6.	Accepted (Aċċettata)	28
9.1.7.	Modified (Modifikata)	28
9.2.	LORI - Update reference quantity (LORI - Aġġorna l-kwantità referenzjali)	28
9.3.	LORI – Withdraw a registration (LORI - Irtira regiŕtrazzjoni)	28

Listi ta’ illustrazzjonijiet

Illustrazzjoni 1	Fluss tax-Xogħol tal-LORI	6
Illustrazzjoni 2	Passi għat-talbiet għall-aċċess għall-Aġent	7
Illustrazzjoni 3	Talba għal Login tal-UE mill-Aġent	8
Illustrazzjoni 4	Talba mill-Aġent għal aċċess għas-sistema elettronika tal-LORI	9
Illustrazzjoni 5	Regiŕtrazzjoni fil-LORI - Issottometti u aġġorna	11
Illustrazzjoni 6	Regiŕtrazzjoni fil-LORI - Issottometti u aġġorna - Agħżel EORI	12
Illustrazzjoni 7	Regiŕtrazzjoni fil-LORI - Issottometti u aġġorna - Daħħal id-data	12
Illustrazzjoni 8	Regiŕtrazzjoni fil-LORI - Issottometti u aġġorna - kummenti dwar il-komunikazzjoni	14
Illustrazzjoni 9	LORI - Aġġorna l-kwantità referenzjali	15
Illustrazzjoni 10	LORI - Irtira regiŕtrazzjoni	16
Illustrazzjoni 11	LORI - Fittex	18
Illustrazzjoni 12	LORI - Fittex	19
Illustrazzjoni 13	LORI - Fittex skont l-Isem tal-Formola	20

Illustrazzjoni 14 LORI - Fittex skont l-Isem tal-Formola - riżultati.....	20
Illustrazzjoni 15 LORI - Fittex skont l-Istatus	20
Illustrazzjoni 16 LORI - Fittex skont l-Istatus - riżultati.....	21
Illustrazzjoni 17 LORI - Fittex billi tuża: “Uri biss l-aħħar komunikazzjoni”	22

1. INTRODUZZJONI

1.1. Skop

Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760¹, il-Kummissjoni stabbiliet sistema elettronika tar-Reġistrazzjoni u l-Identifikazzjoni tal-Operaturi tal-Liċenzji (LORI), biex tirreġistra l-informazzjoni dwar l-operaturi li huma interessati japplikaw għall-kwoti tariffarji (TRQs) li jeħtieġu reġistrazzjoni obbligatorja minn qabel (l-hekk imsejħa TRQs tal-LORI).

Is-sistema elettronika tal-LORI hija parti mill-bażi tad-*data* tal-ISAMM, ġestita mid-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali.

Dan id-dokument huwa gwida ta' referenza dwar kif tintuża s-sistema elettronika tal-LORI. Jiddeskrivi kif għandha tiġi rreġistrata kumpanija fis-sistema elettronika tal-LORI, kif għandha tiġi sottomessa d-*data* dwar il-kwantità referenzjali ta' din il-kumpanija, u kif għandha tiġi rtirata r-reġistrazzjoni ta' kumpanija mis-sistema elettronika tal-LORI.

1.2. Udjenza

Dan id-dokument huwa indirizzat lill-utenti (imsejħa Aġenti) ta' kumpanija li huma interessati japplikaw għat-TRQs tal-LORI, u jispjega lill-Aġent il-proċess biex jirreġistra l-informazzjoni dwar il-kumpanija fis-sistema elettronika tal-LORI.

1.3. Glossarju

- (1) AWAI: Interfaċċa għall-Applikazzjonijiet tal-Web tal-Agricoltura, il-portal tas-Sistemi tal-Infurmazzjoni tad-DĠ AGRI. L-għan ewlieni tiegħu huwa li jkun punt ta' aċċess uniku għall-bqija tas-sistemi tal-infurmazzjoni tad-DĠ AGRI u li jimmaniġġja l-awtorizzazzjonijiet tal-utent;
- (2) SLB: il-Korp Uniku ta' Kollegament, innominat mir-Rappreżentanza Permanenti ta' Stat Membru għall-UE, huwa l-entità li tawtorizza lill-ANU;
- (3) ANU: Amministratur Nazzjonali tal-Utenti, persuna fiżika nnominata (jew awtorizzata) mill-SLB li tapprova t-talbiet għall-aċċess għas-sistema elettronika tal-LORI;

¹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni soġġetti għal liċenzji u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu ta' garanziji fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 1).

- (4) LIA: Awtorità tal-Ħruġ tal-Liċenzji, l-entità responsabbli għall-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji u għall-ħruġ tal-liċenzji f'kull Stat Membru;
- (5) Login tal-UE: il-username u l-password meħtieġa biex jiġu aċċessati l-applikazzjonijiet tal-UE;
- (6) ISAMM: Sistema ta' Informazzjoni għall-Ġestjoni u l-Monitoraġġ tal-Agricoltura, applikazzjoni tal-IT użata mill-Istati Membri biex jibagħtu d-*data* lid-DĠ AGRI;
- (7) Komunikazzjoni tal-ISAMM: il-paġna web bis-sett ta' tabelli fejn l-Aġent jista' jdaħħal informazzjoni varja bħalma hi: l-isem, l-indirizz u n-numri tat-telefon, itella' d-dokumenti u l-kwantitajiet, u jaċċetta diversi ftehimiet legali. Il-komunikazzjoni tinqasam f'tabelli li jiġbru flimkien l-informazzjoni relatata. Fis-sistema elettronika tal-LORI hemm tliet tipi differenti (Formoli) ta' Komunikazzjonijiet tal-ISAMM:
 - (a) Registration of an Operator (or modification of its LORI record) (Reġistrazzjoni ta' Operatur (jew modifika tar-rekord tal-LORI tagħha)) - Formola numru 800
 - (b) Submission of information on the operator's reference quantities for a given period (Sottomissjoni ta' informazzjoni dwar il-kwantitajiet referenzjali tal-operatur għal perjodu partikolari) - Formola numru 801
 - (c) Withdrawal of the registration of an operator from the LORI electronic system (Irtirar tar-registrazzjoni ta' operatur mis-sistema elettronika tal-LORI) - Formola numru 802.
- (8) Isem il-Formola: l-isem ta' kull waħda mit-tipi differenti ta' Komunikazzjonijiet tal-ISAMM;
- (9) Numru tal-Formola: numru assenjat lil kull waħda mit-tipi differenti ta' Komunikazzjonijiet tal-ISAMM;
- (10) LORI: Reġistrazzjoni u Identifikazzjoni tal-Operaturi tal-Liċenzji (sistema elettronika);
- (11) Fluss tax-Xogħol tal-LORI: il-komunikazzjonijiet li fihom id-*data* tal-LORI jgħaddu minn diversi stadji u huma spjegati fid-dettall fit-taqsimiet ta' hawn taħt. F'kull stadju, xi wħud mill-partijiet involuti, l-Aġent u l-utent tal-Istat Membru, jistgħu jagħmlu diversi azzjonijiet fuq komunikazzjoni. Dawn l-azzjonijiet imexxu l-komunikazzjoni f'direzzjoni jew oħra;
- (12) Operatur: entità ekonomika, stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni u li għandha numru EORI, interessata li tapplika għall-kwoti tariffarji tal-LORI. Is-sett ta' informazzjoni maħżuna fis-sistema elettronika tal-LORI għal kull operatur tissejjjah rekord tal-LORI;
- (13) Aġent: persuna, jew mill-kumpanija tal-operatur jew minn kumpanija oħra, li tkun awtorizzata tissottometti informazzjoni fis-sistema elettronika tal-LORI f'isem operatur wieħed jew aktar;


- (14) Utent tal-Istat Membru: persuna, li tirrappreżenta awtorità kompetenti ta' Stat Membru, bir-responsabbiltà li tivverifika u bid-dritt li tivvalida jew tirrifjuta l-komunikazzjonijiet mibgħuta mill-Aġenti;
- (15) DG AGRI: Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali;
- (16) numru EORI: Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi.

1.4. Fluss tax-Xogħol tal-LORI

Skont l-Istat Membru, l-Operatur għandu jitlob ir-reġistrazzjoni fil-LORI jew billi jibgħat l-informazzjoni meħtieġa lill-LIA jew billi jintroduċi direttament id-*data* fis-sistema elettronika tal-LORI. Jekk jogħġbok ikkonsulta l-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru tiegħek dwar kif għandek tipproċedi għar-reġistrazzjoni tiegħek.

Dan id-dokument jiddeskrivi l-proċess (Fluss tax-xogħol tal-LORI) fejn l-Aġent jikkowdja d-*data* f'isem operatur, u l-Istat Membru kompetenti jivvalidaha.

Id-dijagramma ta' hawn taħt turi l-passi tal-fluss tax-xogħol:



Illustrazzjoni 1 Fluss tax-Xogħol tal-LORI

1.5. Prerekwiżiti

Prerekwiżiti għall-introduzzjoni ta' talba għar-reġistrazzjoni fis-sistema elettronika tal-LORI:

1. Qabel jintroduċi talba għar-reġistrazzjoni fis-sistema elettronika tal-LORI, l-operatur għandu jkun irregiſtrat fil-bażi tad-*data* tal-EORI u għandu jkun ġie assenjat numru EORI. Għal aktar informazzjoni dwar il-bażi tad-*data* tal-EORI, jekk jogħġbok ikkonsulta l-paġna web li ġejja: https://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/eos/eori_home.jsp?Lang=en
2. Aġent għandu jkun awtorizzat jaġixxi f'isem operatur partikolari. Din l-awtorizzazzjoni tingħata mil-LIA tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit l-operatur (ara t-taqsimha dwar it-Talba għall-Aċċess f'dan id-dokument).

2. TALBA GĦALL-AĊĊESS


Din it-taqsimha tiddeskrivi l-azzjonijiet meħtieġa biex operatur jitħalla jikseb aċċess għas-sistema elettronika tal-LORI.

Operatur wieħed jista' jaħtar diversi utenti biex jikkowdjaw id-*data* f'ismu, u utent wieħed jista' jimmaniġġja d-*data* għal diversi operaturi. L-utenti li huma awtorizzati jissottomettu l-informazzjoni jissejħu Aġenti.

L-illustrazzjoni t'hawn taħt turi l-azzjonijiet ewlenin u l-ordni tagħhom:

1. L-Aġent għandu l-ewwel jitlob Login tal-UE (ara t-taqsimha 2.1 għal aktar dettalji); jekk l-Aġent diġà għandu username u password, dan m'għandux għalfejn jitlob għal oħrajn ġodda
2. Imbagħad, l-Aġent għandu jitlob aċċess għas-sistema elettronika tal-LORI (ara t-taqsimha 2.2 għal aktar dettalji)

Kif titlob aċċess għall-formola tal-ISAMM LORI



Illustrazzjoni 2 Passi għat-talbiet għall-aċċess għall-Aġent

2.1. Itlob Login tal-UE

Sabiex ikollu aċċess għall-formoli tal-LORI, l-ewwel ħaġa li Aġent għandu jagħmel huwa li jikseb Login tal-UE. Dan jista' jagħmlu billi jmur fuq il-portal tal-AWAI u jsegwi l-passi deskritti hemmhekk.

Il-link għall-AWAI huwa <https://webgate.ec.europa.eu/agriportal/awaiportal/>

L-istruzzjonijiet għall-utenti dwar kif jirreġistraw fl-AWAI huma disponibbli wkoll fuq il-link t'hawn fuq, kif ukoll l-informazzjoni ta' kuntatt jekk ikun meħtieġ aktar appoġġ.

*** IMPORTANT: For the correct functioning of the Portal it is mandatory to disable any pop-up blocker in use. Please contact your local IT Support for further assistance. ***

European Commission | AGRICULTURE WEB APPLICATIONS INTERFACE



DG Agri Information Systems Portal

Register with AWAI

Declare or modify an SLB or an NUA

[E-Bacchus site on Europa](#)

[E-Sprink site on Europa](#)

[DPS site on Europa](#)

If you are already registered with AWAI, push "Login" below; if not, please visit the link [Register with AWAI](#) in order to be informed about the access procedure.

Forgotten password? Please note that password resets for old accounts (format w015xxxx) cannot be made online! Please contact the [AWAI Portal Team](#) in case a password reset for such an account is needed.

30/03/2018 - Farewell agrides-wuol

AGRIDES, one of the oldest running applications under the AWAI portal, was decommissioned on 30/03/2018, as its functionality was completely absorbed by other online systems (DORIS, SAPPI etc.). AGRIDES was the third major release of the LICs system (second major release was bewIDES), which was providing its services since the release

18/12/2017 - New procedure for granting access rights to AMIS-Quota

As from 6 February 2018, access rights to the AMIS-Quota application are managed fully online through the AWAI Portal (no need for downloading/upload a request anymore). The method is similar to the one used for the ESOM application, and the validation of the requests is done by the National User Administrators in each Member State.

More details on the method to apply can be found in the help file after logging in.

10/09/2016 - A brand new AWAI Portal!

A completely new version of the AWAI portal, comprising also the functionality of the old public ESI-MS is on production since 10/09/2016! The new portal allows AWAI users to request online most of the modifications they may need on their personal SAs or access rights.


After logging-in, please click on the help icon ("??") to see details!

Illustrazzjoni 3 Talba għal Login tal-UE mill-Aġent

2.2. Itlob aċċess għas-sistema elettronika tal-LORI

Wara li jirċievi l-login tal-UE, l-Aġent jista' jitlob aċċess għas-sistema elettronika tal-LORI:

Kif titlob aċċess għall-formola tal-ISAMM LORI



Illustrazzjoni 4 Talba mill-Aġent għal aċċess għas-sistema elettronika tal-LORI

Sabiex jingħata aċċess għas-sistema elettronika tal-LORI, l-Aġent għandu jsejwi dawn il-passi:

- (1) Imur fuq il-Portal tal-AWAI (<https://webgate.ec.europa.eu/agriportal/awaiportal/>), jikklikkja fuq il-buttuna Login u jdaħħal il-username u l-password tal-EU Login tiegħu.
- (2) Jikklikkja fuq il-link “ISAMM CM” fil-lista tal-applikazzjonijiet.
- (3) Jagħżel l-għażla “A member of an economic operator” (Membru ta’ operatur ekonomiku) u jikklikkja fuq “Next” (Li jmiss).
- (4) Fl-iskrin ta’ wara, jagħżel l-Istat Membru u jżid in-numru/i tal-EORI tal-operatur(i) li għalih(om) l-Aġent jitlob aċċess. Għal kull wieħed minnhom, l-Aġent għandu:
 - (a) Jikklikkja fuq il-buttuna “add a new EORI” (żid EORI ġdid)
 - (b) Idaħħal in-numru EORI
 - (c) Jikklikkja fuq il-buttuna “Validate and download address” (Ivalida u niżżel l-indirizz)
 - (d) Jikklikkja fuq il-buttuna “Add” (Żid)
- (5) Idaħħal id-dettalji ta’ kuntatt professjonali tal-Aġent fil-kampijiet meħtieġa u jikklikkja fuq il-buttuna “Next”.
- (6) Fl-iskrin ta’ wara, taħt “Business processes and sectors” (Proċessi u setturi tan-negozju), jikklikkja fuq il-buttuna “Add”.
- (7) Jagħżel “LORI” bħala Proċess tan-Negozju u “Horizontal” (“Orizzontali”) bħala Settur u jikklikkja fuq il-buttuna “Add”.
- (8) Ladarba jiżdiedu l-Proċess u s-Settur tan-Negozju, jikklikkja fuq il-buttuna “Next”.
- (9) Fuq l-iskrin li jmiss, jikklikkja fuq “Submit” (Ibgħat). Is-sistema mbagħad titlob konferma dwar din l-azzjoni u wara li l-Aġent jikklikkja fuq “Yes”, tidher il-paġna finali. Din il-paġna tinkludi pdf li għandu jitniżżel u jiġi ffirmat mill-Aġent u l-istruzzjonijiet dwar kif għandha titkompla l-proċedura, li hija speċifika għal kull Stat Membru.

Ladarba t-talba tiġi vvalidata wara l-proċedura ddefinita mill-Istat Membru kompetenti, is-sistema tibgħat posta elettronika ta’ konferma lill-Aġent.

2.3. Modifika tad-*data* personali tal-Aġent jew tal-Operaturi assoċjati

Sabiex jimmodifika d-*data* personali tiegħu u/jew jimmodifika l-lista tal-Operaturi li għalihom l-Aġent għandu aċċess, l-Aġent għandu jsegwi dawn il-passi:

- (1) Imur fuq il-Portal tal-AWAI(<https://webgate.ec.europa.eu/agriportal/awaiportal/>), jikklikkja fuq il-buttuna Login u jdaħħal il-username u l-password tal-EU Login tiegħu.
- (2) Jikklikkja fuq “Personal details” (Dettalji personali) fil-menu fuq ix-xellug tal-iskrin, taħt l-intestatura “Profile” (Profil).
- (3) Jikklikkja fuq “Request Modification” (Itlob Modifika).
- (4) Jimmodifika l-kampijiet tad-dettalji personali u/jew il-lista ta’ numri tal-EORI (billi juża “Add functionality” (Żid funzjonalità) biex jitlob aċċess għal Operaturi ġodda u l-ikona tat-“Trash bin” biex ineħħi l-aċċess għad-*data* ta’ Operatur partikolari). Dawn il-modifiki ma jaffettwawx l-istatus tal-Operatur fis-sistema elettronika tal-LORI, iżda sempliċement id-drittijiet tal-aċċess tal-Aġent għad-*data*.
- (5) Jikklikkja fuq “Next”. Is-sistema turi skrin komparattiv bil-modifiki mitluba mill-Aġent.
- (6) Jivverifika li l-modifiki huma daww xierqa u jikklikkja fuq “Submit”. Is-sistema mbagħad titlob konferma dwar din l-azzjoni u wara li l-Aġent jikklikkja fuq “Yes”, tidher il-paġna finali. Din il-paġna tinkludi pdf li għandu jitniżżel u jiġi ffirmat mill-Aġent u l-istruzzjonijiet dwar kif għandha titkompla l-proċedura, li hija speċifika għal kull Stat Membru.

Ladarba t-talba tiġi vvalidata wara l-proċedura ddefinita mill-Istat Membru kompetenti, is-sistema tibgħat posta elettronika ta’ konferma lill-Aġent.

2.4. Ibdel il-password tal-Aġent

Sabiex jimmodifika l-password tiegħu, l-Aġent għandu jsegwi dawn il-passi:

- (1) Imur fuq il-Portal tal-AWAI(<https://webgate.ec.europa.eu/agriportal/awaiportal/>), jikklikkja fuq il-buttuna Login u jdaħħal il-username u l-password tal-EU Login tiegħu.
- (2) Jikklikkja fuq “Change my password” (Ibdel il-password tiegħi) fil-menu fuq ix-xellug tal-iskrin, taħt l-intestatura “Account”.
- (3) Idaħħal il-password attwali u l-password il-ġdida tiegħu u jikklikkja fuq “Change” (Ibdel).

Il-password tinbidel awtomatikament.

2.5. Neħħi l-kont tal-Aġent

Sabiex ineħħi l-kont tiegħu, l-Aġent għandu jsegwi dawn il-passi:

- (1) Imur fuq il-Portal tal-AWAI(<https://webgate.ec.europa.eu/agriportal/awaiportal/>), jikklikkja fuq il-buttuna Login u jdaħħal il-username u l-password tal-EU Login tiegħu.
- (2) Jikklikkja fuq “Remove my account” (Neħħi l-kont tiegħi) fil-menu fuq ix-xellug tal-iskrin, taħt l-intestatura “Account”.
- (3) Jikklikkja fuq “Submit”.

Ladarba t-talba tiġi vvalidata mis-servizzi tad-DĠ AGRI, il-kont jitneħħa.

3. AĊĊESS GĦAS-SISTEMA ELETTRONIKA TAL-LORI

Sabiex jaċċessa s-sistema elettronika tal-LORI, l-Aġent għandu jidħol fuq il-Portal tal-AWAI:

<https://webgate.ec.europa.eu/agriportal/awaiportal/>

u jagħżel ISAMM CM fil-lista tal-applikazzjonijiet.

Imbagħad, titla' l-applikazzjoni tal-ISAMM CM bl-għażla tas-sistema elettronika tal-LORI.

4. REĠISTRAZZJONI - ISSOTTOMETTI JEW AĠĠORNA L-INFORMAZZJONI (FORMOLA NUMRU 800)


Din it-taqsimha tiddeskrivi l-azzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' operatur ġdid fis-sistema elettronika tal-LORI jew għall-aġġornament tal-informazzjoni dwar operatur (l-hekk imsejjaħ rekord tal-LORI) fis-sistema tal-LORI.

4.1. Reġistrazzjoni ta' operatur fis-sistema elettronika tal-LORI

Biex jirreġistra l-informazzjoni tal-operatur fis-sistema elettronika tal-LORI, l-Aġent għandu jsegwi l-passi deskritti hawn taħt.

4.1.1. Aċċessa l-menu tar-reġistrazzjoni fil-LORI

L-Aġent għandu jmur fuq il-menu "LORI » Registration - submit or update the information" sabiex jibda l-proċess tar-reġistrazzjoni:



Illustrazzjoni 5 Reġistrazzjoni fil-LORI - Issottometti u aġġorna

4.1.2. Agħżel EORI

L-ewwel paġna turi lista li tinżel, fejn l-Aġent jista' jara n-numri tal-EORI li jikkorrispondu għall-operaturi li għalihom dan ġie awtorizzat li jikkowdja d-data.

L-Aġent għandu jagħżel in-numru EORI tal-operatur li għalih jixtieq jissottometti d-data u jikklikkja "Continue" (Kompli):

Registration - submit or update the information


Select Eori Number

Eori number *

Illustrazzjoni 6 - Reġistrazzjoni fil-LORI - Issottometti u aġġorna - Agħżel EORI

4.1.3. Daħħal id-data fil-komunikazzjoni

L-Aġent jista' jimla l-informazzjoni tal-LORI fit-tab tal-"Communication Data" (*Data tal-Komunikazzjoni*):

Draft communication 

Communication information

Form number: 000800	Notifier: Belgium
Name: LORI Registration - Submit or Update the information	Status: DRAFT
Business proċess: LORI	Sector: Horizontal
Reference period: 01/01/2019 to 31/12/2030	Encoding period: ... to ...
Legal base: Commission Regulation - R 1234/1234 Art. 1234	
Description: Please note that if you intend to update an existing communication, it is necessary to find that	

Illustrazzjoni 7 - Reġistrazzjoni fil-LORI - Issottometti u aġġorna - Daħħal id-data

4.1.3.1. Validazzjoni tal-EORI u l-ewwel sett ta' informazzjoni dwar l-operatur

L-ewwel tabella fit-tab tal-komunikazzjoni tippreżenta l-informazzjoni bażika dwar l-operatur.

Is-sistema tivverifika awtomatikament jekk in-numru EORI indikat huwiex validu u rreġistrat fil-bażi tad-*data* tal-EORI. F'każ ta' problemi, jidher messaġġ ta' error (bl-aħmar). Jekk il-validazzjoni tkun ta' suċċess, jidher messaġġ pożittiv (bl-aħdar).

Jekk l-indirizz tal-kwartier ġenerali għall-operatur huwa disponibbli pubblikament fil-bażi tad-*data* tal-EORI, is-sistema turih fl-ewwel parti tat-tabella, bħala kampijiet li ma jistgħux jiġu editjati. (Jekk l-indirizz fil-bażi tad-*data* tal-EORI mhux aġġornat, l-ewwel ikun meħtieġ li dan jiġi emendat fil-bażi tad-*data* tal-EORI. Ladarba jsir dan, is-sistema elettronika tal-LORI issib l-indirizz il-ġdid awtomatikament)

Jekk l-indirizz tal-kwartier ġenerali ma jkunx disponibbli pubblikament fil-bażi tad-*data* tal-EORI, dan jista' jiġi ttajpjat manwalment.

L-indirizz operazzjonali dejjem jista' jiġi editjat u jista' jinbidel liberament.

4.1.3.2. Informazzjoni addizzjonali dwar l-EORI

Wara li timla l-ewwel tabella, tista' tkompli timla l-bqija tal-formola. It-tabelli fihom informazzjoni ta' spjegazzjoni u f'każ ta' messaġġi ta' errur, tista' tikkonsulta l-Anness I ta' dan il-manwal, li jipprovdi d-dettalji dwar kif għandhom jiġu indirizzati.

Jekk jogħġbok innota li ċerti kampijiet huma obbligatorji. Għalhekk, jekk ma tipprovdi l-informazzjoni relatata jew id-dokument mehmuż, ma tistax tissottometti l-komunikazzjoni. F'każ li jkun hemm informazzjoni obbligatorja nieqsa, jintwera messaġġ ta' errur 'il fuq mit-tabella rilevanti.

4.1.3.3. Uża l-buttni tal-komunikazzjoni

Bħala Aġent, meta tkun f'komunikazzjoni, tista' tikklikkja waħda mill-buttni li ġejjin:

- Save (Issejvja): Il-komunikazzjoni tiġi ssejvjata iżda ma tintbagħatx;
- Send to issuing authority (Ibagħat lill-awtorità tal-ħruġ): Il-komunikazzjoni tintbagħat lill-Istat Membru kompetenti għar-rieżami. Stat Membru jista' jirreaġixxi b'diversi azzjonijiet għall-komunikazzjoni: dan jista' jirrifjutaha, jibgħatha lura għall-korrezzjoni, jew jivvalidaha. (għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għall-Anness II ta' dan il-manwal);
- Delete (Ħassar): Il-komunikazzjoni titħassar mis-sistema elettronika tal-LORI;
- Cancel (Ikkanċella): Id-*data* mdaħħla reċentement, jekk ikun hemm, tiġi skartata u s-sistema tiegħok lura għall-paġna preċedenti.

4.2 Aġġorna rekord tal-LORI

Ladarba l-operatur ikun irreġistrat fis-sistema elettronika tal-LORI, l-Aġent jista' jaġġorna r-reġistru tal-LORI ta' dak l-operatur kull darba li jkun xieraq. Dan jista' jsir billi tintuża l-istess formola użata għar-reġistrazzjoni inizjali (formola numru 800). Is-sistema elettronika tal-LORI toħloq verżjoni ġdida tal-komunikazzjoni, u awtomatikament turi l-aħħar informazzjoni disponibbli. Imbagħad, l-Aġent jitħalla jaġġorna din l-informazzjoni u jissottometti l-modifiki lil-LIA kif deskritt għall-proċess tar-reġistrazzjoni.

4.3 Ikkoreġi komunikazzjoni

F'ċerti każijiet, Stat Membru jista' jibgħat il-komunikazzjoni lura lill-Aġent, għall-korrezzjoni. Meta l-Aġent jiftaħ il-komunikazzjoni, fit-tab "Messaġġi", dan ikun jista' jara l-problemi possibbli li għandhom jiġu indirizzati u l-kummenti li saru mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru. Dan juri x'segwitu huwa meħtieġ fuq l-informazzjoni pprovduta.

Communication Data		Messages	History
MSA Comment: This is a generic comment from the MS about the possible issues, to be corrected, in the current communication. Table below offers more details:			
Messages			
	Message details	Comment	
▶	The same company name [IOIAC - Company name - 1] is used by a different company	This is a comment by which the MS user explained what the issue was for this specific point. In this case it is a "duplicate company name".	
▶	The same address [IOIAC - Address of headquarter: Street name - 1, IOIAC - Address of headquarter: Street number - 1, IOIAC - Address of headquarter: Postal code - 1, IOIAC - Address of headquarter: City - 1, IOIAC - Address of headquarter: Country - 1] is used by a different company	This is a comment by which the MS user explained what the issue was for this specific point. In this case it is a "duplicate address".	
▶	The same person [PCE - Surname - 1, PCE - Name - 1] is mentioned by a different company	This is a comment by which the MS user explained what the issue was for this specific point. In this case it is "similar person name for other company".	

Illustrazzjoni 8 - Reġistrazzjoni fil-LORI - Issottometti u aġġorna - kummenti dwar il-komunikazzjoni

Meta l-Aġent ikun ikkoreġa l-komunikazzjoni jew ipprova dokumenti addizzjonali kif meħtieġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, dan jista' jerġa' jissottometti l-formola għall-approvazzjoni, billi jikklikkja "Send".

4.4 It-tab tal-history

L-interazzjonijiet bejn l-Aġent u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru huma viżibbli fit-tab "History". Hawnhekk jintwerew il-ħin u d-data, il-kummenti u l-persuna li ttrattat kull komunikazzjoni; barra minn hekk, l-Aġent jista' jaċċessa direttament komunikazzjoni speċifika biex jivverifika l-kontenut tagħha.

5. AĠĠORNA L-KWANTITÀ REFERENZJALI (FORMOLA NUMRU 801)

5.1. Aġġornar tad-data dwar il-kwantità referenzjali tal-operatur

Il-formola numru 801 tippermetti lill-Aġenti jissottometti informazzjoni dwar il-kwantità referenzjali għal 9 kwoti tariffarji: 09.4211, 09.4212, 09.4213, 09.4214, 09.4215, 09.4216, 09.4410, 09.4411 u 09.4412. Informazzjoni dwar il-kwantità referenzjali għal kwoti tariffarji oħra b'dan ir-rekwiżit għandha titressaq lill-awtorità kompetenti nazzjonali, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa dwar il-kwantità referenzjali għall-kwoti tariffarji msemmija fil-formola numru 801.

Biex jaġġorna d-data dwar il-kwantità referenzjali ta' operatur, l-Aġent għandu jmur fil-menu: "LORI » Update reference quantity".

Imbagħad l-Aġent għandu jagħżel in-numru EORI li jikkorrispondi għall-operatur li għalih jixtieq jissottometti d-data dwar il-kwantità referenzjali, u jagħżel sena li għaliha tkun applikabbli l-kwantità referenzjali mil-lista li tinżel. Imbagħad, jikklikkja "Continue":

Update reference quantity

Select Eori and Year

Eori number *

Select Year *

Continue

Back

Illustrazzjoni 9 LORI - Aġġorna l-kwantità referenzjali

L-Aġent għandu jimla t-tabelli f' din il-formola, bl-informazzjoni dwar il-“kwantità referenzjali”. Meta jlesti, l-Aġent għandu jikklikkja fuq il-buttna “Send”.

Is-sistema tippermetti li din il-komunikazzjoni tintbagħat biss jekk l-operatur ikun diġà rreġistrat fis-sistema elettronika tal-LORI.

Jekk l-operatur ikun għadu mhux irreġistrat fis-sistema elettronika tal-LORI, jew jekk ir-reġistrazzjoni tal-operatur tkun ġiet irtirata preċedentement, l-Aġent ma jistax jissottometti l-informazzjoni dwar il-kwantità referenzjali. F'dan il-każ, jekk jogħġbok żgura li l-operatur huwa rreġistrat kif suppost fis-sistema elettronika tal-LORI, u mbagħad ibgħat l-informazzjoni dwar il-kwantità referenzjali tiegħu.

Jekk il-formola “Update reference quantity” (Aġġorna l-kwantità referenzjali) ma tistax tintbagħat għall-validazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, is-sistema tippermetti li tissejvjaha u tibgħat il-komunikazzjoni aktar tard.

6. IRTIRA REĠISTRAZZJONI (FORMOLA NUMRU 802)

6.1. Irtira r-reġistrazzjoni ta' operatur mis-sistema elettronika tal-LORI

Sabiex jirtira r-reġistrazzjoni ta' operatur mis-sistema elettronika tal-LORI, l-Aġent għandu jmur fil-menu: “LORI » Withdraw a registration”:



ISAMM CM » LORI » **Withdraw a registration**

LORI

Withdraw a registration

Select Eori Number

Eori number *

Continue Back

Illustrazzjoni 10 LORI - Irtira reġistrazzjoni

L-Aġent jeħtieġ li jagħżel l-operatur (identifikat permezz tan-numru EORI tiegħu) li għalih jixtieq jirtira r-reġistrazzjoni mis-sistema elettronika tal-LORI.

Wara li jagħżel l-EORI rilevanti mil-lista li tinżel, l-Aġent għandu jagħfas “Continue” u mbagħad jagħżel “Agree” (Naqbel) mil-lista li tinżel li jmiss il-formola, qabel jibgħatha.

Jekk jogħġbok innota li din il-formola tista' tiġi sottomessa biss jekk l-operatur huwa diġà rreġistrat fis-sistema elettronika tal-LORI.

Il-konsegwenzi tal-irtirar huma:

- (1) Ir-rekord tal-LORI jinżamm fl-ISAMM għal seba' snin wara l-irtirar tar-reġistrazzjoni tal-operatur mis-sistema elettronika tal-LORI², iżda l-operatur ma jibqax aktar irreġistrat fis-sistema elettronika tal-LORI. Dan ifisser li s-sistema ma tippermetti l-ebda aġġornament tar-rekord tal-LORI tal-operatur, u lanqas applikazzjonijiet għal-liċenzji għat-TRQs tal-LORI.

² F'konformità mal-Artikolu 13(9) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760.

